**MINUTI**

**Laqgha b'Urgenza tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 19**

**Data:** **4 ta' Settembru, 2025**

**Hin:** **11.05am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

19.1 Kmamar tan-Nar;

19.2 Devoluzzjoni Tumas Cassar;

19.3 Offerta GRB01-2025;

19.4 Skeda ta' Pagamenti;

19.5 Materji ohra;

18.11 Tmiem tal-laqgha.

---

**19.1 Kmamar tan-Nar**

19.1.1 Is-Sindku qal li dan il-permess intalab b'urgenza minahabba materji urgenti li riedu li jigu diskussi. Huwa spjega li l-kumitat tal-Ghaqda tan-Nar kienu iltaqghu ma' l-Awtorita' tal-Ippjanar u dawn tal-ahhar talbuhom sabiex ikollhom *no objection* mill-Kunsill Lokali l-Gharb sabiex ikun jista' jinhargilhom il-permess. Is-Sindku issugerixxa sabiex f'din l-ittra titnizzel specifikament li din il-koncessjoni qeghda tinghata <u>biss</u> ghall-kamra tan-nar tal-Gharb u li l-vot tar-referendum ghadu validu. Huwa zied jghid li din il-*concession* qed tinghata ghar-raguni li l-ewwel u qabel kollox din hija ghaqda voluntarja mill-Gharb, illi r-residenti ilhom ghal iktar minn erbghin sena bil-kmamar tan-nar ibaghtu konsegwenzi bla rimedju, hija kummercjali filwaqt li dawk tal-Gharb li jridu jahdmu ghall-festa m'ghandhomx kamra. Gie innotat ukoll li Malta l-kmamar tan-nar huwa fil-konfini mall-festa taghhom filwaqt li fl-Gharb il-kmamar ta' irhula ohra u li l-Kunsill lanqas jigi konsultat dwarhom. Huwa spjega li din l-ittra tkun ta' ghajnuna biex jinhareg il-permess. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament li ghandha tinhareg din l-ittra.

**19.2 Devoluzzjoni Tumas Cassar**

19.3.1 Is-Sindku irrefera ghall-mandat li kien gie ippreżentat lill-Awtorita' tal-Artijiet fejn huwa qal li l-Qorti ddecidied li jieqfu l-processi min-naha tal-Awtorita' u ebda' art m'ghandha tinghata lil terzi f'din iz-zona. Huwa qal ukoll li l-gimgha li ghaddied inhargu direttivi godda dwar id-devoluzzjonijiet. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu japplika bil-procedura l-gdida. Is-Sindku qal li l-ghan tal-Kunsill kien dejjem li jsir proġett ta' *family farming* u mhux li jitkeccew il-bdiewa. Dan ghar-raguni sabiex ikun aktar organizzat. F'kaz li jkun hemm min ma jixtieqx ikun parti mill-progett u fl-istess waqt ikun hemm min jixtieq jahdem l-art ikollu opportunita' li jidhol f'dan il-progett. Is-Sindku talab l-approvazzjoni sabiex issir applikazzjoni gdida bil-metodu il gdid. Il-Kunsill ta' l-approvazzjoni tieghu sabiex issir applikazzjoni gdida.

**19.3 Offerta GRB01-2025**

19.3.1 Gie trattat ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' Triq San Katald fejn din ser issir mis-*savings* tal-progett. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament li ghandu jmexxi fuq il-rapport ta' evalwazzjoni.

**19.4 Skeda ta' Pagamenti**

19.4.1 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**19.5 Materji ohra**

19.5.1 Is-Sindku qal li JP2 foundation kienu ser jorganizzaw kuncert gewwa s-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu minn vjolinist minn Polonja. Giet mitluba l-kollaborazzjoni tal-Kunsill f'dan il-kuncert li b'kollox ser tkun tiswa' lill-Kunsill €500.

19.5.2 Is-Sindku qal li l-festivals tal-Puppets u tal-Kite kien qed isir xoghol fuqhom.

19.5.3 Is-Sindku qal li fir-rigward tal-Pool kien qeghdin jigu kkuntatjati n-nies minhabba l-membership.

.

**19.6 Tmiem tal-laqgha**

19.6.1 Il-laqgha spiccat fil-11.27am.

Konfermati minn:

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv